QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT DR DENNIS MONTEBELLO BA. LL.D.

**Illum, 27 ta' April 2001.**

**Avviz Nru: 1942/97**

**Korporazzjoni Telemalta (Sezzjoni Arretrati) u b'digriet tas-26 ta' Marzu 1998, Maltacom p.l.c assumiet l-atti tal-kawza**

**Vs**

**Mario Darmanin u b'digriet tat-30 ta' April 1999 gie kjamat in kawza Mario Abela**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-Korporazzjoni attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' disgha mija u tletin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm930.40) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 577326 (skond kif jirrizulta mill-anness `statement' Dok A) liema servizz gie stallat fil-fond 27, St. Dominic Street, Zabbar u dana skond ma kif jidher mill-anness `service agreement' Dok B.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Novembru 1996 u tat-taxxa fuq il-valur mizjud fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Mario Darmanin fejn

eccepixxa:

1. Illi preliminarjament, hija pendenti quddiem din il-Qorti istanza ohra (Avviz Numru 1426/97 DM) li giet istitwita kontra l-eccipjent ghar-rigward ta' l-istess pretensjoni li tinsab dedotta kontrih skond l-avviz odjern.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, kwalsiasi ammont li talvolta jista' jkun dovut lis-socjeta' attrici hu pagabbli minn Mario Abela, mhux mill-eccipjent.

3. Bir-riserva espressa ta' eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat illi l-kjamat fil-kawza Mario Abela debitament notifikata la deher biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni. Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat id-dokumenti esebiti ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata fil-konfront biss tal-kjamat fil-kawza Mario Abela u wara li rat ukoll in-nota ta' cessjoni prezentata llum stess fil-konfront tal-konvenut Mario Darmanin. Qieghda tikkundanna lil kjamat fil-kawza Mario Abela biex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' disa' mija u tletin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm930.40c) ghar-